

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

22.9.2008

0078/2008

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Linda McAvan, Anne Laperrouze, Claude Turmes u Elisa Ferreira

dwar rati mnaqqsqa ta' VAT għall-prodotti tad-dar effiċjenti fl-użu tal-enerġija

Data ta' skadenza: 15.1.2009

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar rati mnaqqsa ta' VAT għall-prodotti tad-dar effiċjenti fl-użu tal-enerġija**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE ntrabtet b'miri ta' tnaqqis ta' 20% għall-konsum tal-enerġija sal-2020,
- B. billi skont data reċenti tal-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent il-konsum tal-enerġija mill-prodotti tad-dar (eż. 'white goods', bozoz tal-elettriku, bojlers, tišin eċċ) jammonta għal 16% tal-konsum totali fl-UE u ta' 10% tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra,
- C. billi l-prezzijiet tas-suq tal-prodotti tad-dar effiċjenti fl-użu tal-enerġija fxi każi huma ħafna oħla mill-prodott medju,
- D. billi r-riċerka dwar il-konsumatur turi li llum il-prezz hu l-ewwel fost il-fatturi li jinfluenzaw l-attitudni tal-konsumatur lejn l-akkwist,
- E. billi l-evidenza turi li, jekk il-prezzijiet tal-prodotti tad-dar effiċjenti fl-użu tal-enerġija jkunu konvenjenti, dan jinkoragħixxi lill-konsumatur biex jagħmlu deċiżjonijiet aktar sostennibbi fix-xiri tagħhom,
- F. billi l-proposta leġiżlattiva l-aktar reċenti tal-Kummissjoni dwar rati mnaqqsa tal-VAT inkludiet dispożizzjonijiet li jippermettu li jkunu inkoraġġiti modi sostennibbli ta' konsum tal-enerġija b'interventi fuq il-prezzijiet permezz ta' rati mnaqqsa tal-VAT,
  1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintrabtu li jikkunsidraw tnaqqis fil-rati tal-VAT fuq prodotti tad-dar effiċjenti fl-użu tal-enerġija meta jirrevedu d-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija (2003/96KE), sabiex jikkontribwixxu ħalli jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-bidla fil-klima u l-konsum sostennibbi;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.